

4. Ir-raba' motiv huwa bbażat fuq ksur tal-Artikolu 24 tar-Regolamenti tal-Persunal b'mod partikolari sa fejn l-Awtorità tal-Ħatra ma semgħetx lir-rikorrenti qabel ma ċaħdet it-talba għal assistenza tagħha.

Rikors ippreżentat fil-31 ta' Jannar 2018 – Fashion Energy vs EUIPO – Retail Royalty (1st AMERICAN)

(Kawża T-54/18)

(2018/C 123/32)

Lingwa tar-rikors: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Fashion Energy Srl (Milan, l-Italja) (rappreżentanti: T. Müller, F. Togo, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Retail Royalty Co. (Las Vegas, Nevada, l-Istati Uniti)

Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO

Applikant għat-trade mark kontenzjuża: ir-rikorrenti

Trade mark kontenzjuża kkonċernata: it-trade mark figurattiva tal-Unjoni li tinkludi l-element verbali "1st American" – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 8 622 078

Proċedimenti quddiem l-EUIPO: proċedimenti ta' oppożizzjoni

Deċiżjoni kkontestata: id-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-15 ta' Novembru 2017 fil-Każ R 693/2017-2

Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tissospendi l-proċeduri skont l-Artikolu 69(d) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali sakemm deċiżjoni definitiva u vinkolanti tkun ittieħdet fuq it-talba għal revoka parzjali kontra t-trade mark ta' oppożizzjoni EUTM 005066113;
- tannulla d-deċiżjoni kkontestata;
- tikkundanna lill-EUIPO u lill-parti l-oħra jħallsu l-ispejjeż sostnuti mir-rikorrenti.

Motivi invokati

- Ksur tal-prinċipju ta' *audi alteram partem*;
- Ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament Nru 2017/1001.

Rikors ippreżentat fis-6 ta' Frar 2018 – Aeris Invest vs SRB

(Kawża T-62/18)

(2018/C 123/33)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

Partijiet

Rikorrenti: Aeris Invest Sàrl (Lussemburgu, il-Lussemburgu) (rappreżentanti: R. Vallina Hoset, A. Sellés Marco, C. Iglesias Megias u A. Lois Perreau de Pinninck, avukati)

Konvenut: Il-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni